**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Elliott Magro]**

**Vs**

**Tony Sammut**

**Kumpilazzjoni Numru: 327/2017**

**Illum, 8 ta' Gunju 2021**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Tony Sammut detentur tal-karta tal-identita` numru 0461481M akkuzat talli fix-xahar ta' Ottubru, 2016, f'dawn il-Gzejjer:-

1. Minghajr awtorizzazzjoni ghamel uzu minn *computer* jew xi taghmir iehor biex jidhol f'xi *data, software* jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dawk, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 337C (1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess dati u lok, minghajr awtorizzazzjoni uza l-kodici tad-dhul, *password,* isem l-utent, indirizz postal elettroniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra f'*computer* jew b'xi mod kiser kwalunkwe mizura ta' sigurta sabiex jakkwista access minghajr awtorizzazzjoni ghas-sistema tal-informatika kollha jew parti minnha, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 337C(1)(i) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn ta l-kunsens sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputat li hija netta;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti;

<u>Ikkunsidrat</u>:

Illi dawn il-proceduri jittrattaw fuq allegat abbuz da parti tal-imputat tal-*online directory* tal-GO plc liema abbuz spicca kkawza degredazzjoni fis-sistema tal-istess kumpanija.

Illi fl-istqarrija tieghu l-imputat Tony Sammut qal li gie kkuntattjat mill-Melita fejn qalulu li hemm xi traffiku mill-kompjuter tieghu ghas-sit tal-GO. Mistoqsi jekk jafx l-IP address 213.165.168.4 qal li bl-amment ma jafux izda huwa familjari u x'aktarx hija tieghu. Qal li l-kumpanija Factum Software International Limited mhijiex tieghu pero` huwa direttur tal-kumpanija. Qal li l-kumpanija thallaslu l-internet u l-uzu huwa ghalih waqt il-hin liberu tieghu. Qal li ma jafx bl-ispejjez li nkorriet il-GO pero` qal li milli jidher is-sistema ma felhitx ghaliha u dan jista' jkun minhabba negligenza tal-GO stess. Spjega li servizzi ohra jilqghu ghal din it-tip ta' haga u sa anki offra lill-*customer care* tal-GO li jispjegalhom

kif jistghu jevitaw din is-sitwazzjoni. Mistoqsi x'kien ser jaghmel bl-informazzjoni qal: "*Xejn illegali fil-fehema tieghi.*" L-imputat ma qabilx mal-Ispettur meta qallu li din ma kinitx l-unika okkazjoni fejn ipprova jiehu data minn fuq is-sit tal-GO.

Illi xehdet **Charmaine Galea Triganza** li qalet li tahdem mal-GO bhala *Fraud Prevention Officer*. Hija spjegat li kienu ghamlu rapport fis-sena 2016 ghaliex minn investigazzjoni li ghamlu min-naha ta' l-IT sabu li fuq l-*online directory* kien hemm bumbardament ta' eluf ta' rikjesti ghal numri tat-telefon. Dan gara fil-*weekend* fejn spicca waqa' s-*server* u ghalhekk il-*call centre* ma setghetx taqdi l-klijenti taghha. Min-naha tal-GO ghamlu l-istharrig taghhom u rrizultalhom l-IP address minn fejn kienu gejjin dawn ir-rikjesti liema indirizz gie mghoddi meta ghamlu r-rapport. B'referenza ghar-rapport ta' Hubert Micallef (Dok. HM1) ix-xhud qalet li peress li ma kienx IP address tal-GO huma kienu ghaddewh lill-Pulizija sabiex ikomplu bl-investigazzjonijiet taghhom. Stqarret li l-istess rapport fih ukoll l-ispejjez inkorsi min-naha tal-GO u anke d-danni. In kontro-ezami x-xhud qalet li l-*online directory* huwa *public domain* u kulhadd jista' juzah ghaliex huwa servizz bla hlas. Qalet ukoll li l-GO ma jissettjax limitu; wiehed jista' jnizzel kemm

irid informazzjoni "*b'mod uman*" pero` f'dan il-kaz kien jidher car li l-informazzjoni ma kinitx qed titnizzel b'mod uman izda kien ovvju li kienet qed taghmilha magna ghaliex ghal kull sekonda kien hemm wisq *searches* li l-ebda persuna ma tista' tilhaq tikteb dak l-ammont ta' *requests* f'sekonda.

Illi xehed **Hubert Micallef** li qal li jahdem bhala *Information Security Specialist* mal-GO. Spjega li bejn il-lejl tas-16 ghas-17 ta' Ottubru tas-sena 2016 bdew jaraw *"degredation fis-sistema tad-directory enquiries."* Huma kellhom rapporti min-nies li kellhom problemi bid-*directory services*. Dahlu fil-*weekend* jaghmlu analizi fejn indunaw li ma kinitx problema bis-sistema izda s-sitema kienet qed tigi abbuzata minn IP partikolari. Irrizulta li kien hemm dan l-IP partikolari li kien qed jaqbad mas-sistema taghhom u beda jaghmel *mass searches* fid-*directory service*. Qal li s-soltu f'gurnata jkollhom cirka mitejn *enquiries* u jekk tkun gurnata busy jitilghu ghal elf. F'dan il-kaz pero` kien qed ikun hemm hamsa u sittin elf f'gurnata wahda. Ix-xhud spjega li Dok. HM1 huwa lista tal-*mass queries* li diga` semma. Wiehed jista' jinnota d-data u l-hin tal-*enquiries* fejn persuna normali taghmel *enquiry* wiehed f'sekonda meta f'dan il-kaz kienu qed isiru sebghin *enquiry*

f'sekonda waħda. Bħala danni lill-GO qal li wieħed irid iqis l-ammont ta' ħin li t-*technicians* ħlew jippruvaw janalizzaw il-problema qabel li ndunaw li dan kien *mass quering.* Apparti minn hekk l-GO ma setgħux juzaw is-sistema u għalhekk ma kienx disponibbli għall-klijenti tagħhom lanqas. Di fatti gie pprezentat ukoll kalkolu tal-ispejjez inkorsi mill-GO. Mistoqsi in kontro-ezami jekk is-sistema timponi xi limitu x-xhud qal li hija sistema manwali u għalhekk l-ebda uman ma jista' jagħmel sebgħin *query* f'sekonda. Qal ukoll li s-sit huwa *public domain* u huwa accessibbli minn kulħadd.

Xehed **PS1500 Alfred Cutajar** li qal li l-Ispettur Elliot Magro tah struzzjonijiet biex jibgħat għal Tony Smmaut rigward *hacking* ta' sit tal-GO peress li mill-IP address irrizulta li l-kompjuter kien qed juzah l-imputat. L-istess imputat qallu li ser jibgħatlu *email* biex jispjega l-istampa iktar cara. Fl-*email* l-imputat qal li kellu l-ideja li jikkreja *app* "*that could scan one's own contacts and double check them with GO's directory to find missing or outdating information."* Dan l-email gie esebit bħala Dok. AC1. Zied in kontro-ezami li l-imputat ikkopera miegħu u anki qallu li kien lest jagħmel tajjeb għad-danni li seta' jikkawza lill-kumpanija GO.

Xehdet **Dr. Amelie Abela** ghas-socjeta` Melita Limited permezz ta' affidavit fejn esebiet ittra ta' Melita Limited (a fol. 88 tal-process) fejn gie dikjarat li Melita bhala *service provider* izzomm data ghall-perjodu ta' sitt xhur u allura ma tistax tesebixxi dokumentazzjoni fuq l-IP address 213.165.168.4. Din l-ittra mbaghad giet ikkonfermata in awla taht gurament.

Xehdet **WPS252 Chantal Zammit Bartolo** mis-*Cyber Crime Unit* fejn stqarret li Charmaine Galea mill-GO ghamlet rapport li kien hemm *degredation* tal-portal taghhom jigifieri tant talbu servizz taghhom illi waqqalhom il-*portal* tad-direttorju taghhom. Il-GO stess ipprezentawlhom rapport tal-IP addresses u "*l-IP li beda jidher hafna kien 213.165.168.4*" u meta ghamlu l-verifiki kien jidher li jghajjat lil xi hadd mill-Melita Limited. Melita qalu lill-Pulizija li dak l-IP address jghajjat lil Factum Software International Limited. Ix-xhud esebiet rapport li gie mmarkat bhala Dok. CB1.

Xehed ukoll l-**Ispettur Elliot Magro** li ta riassunt tar-rapport li rcevew da parti tal-kumpanija GO. Qal li baghtu ghal Tony Sammut ghaliex il-kumpanija Factum Software International Limited hija registrata fuqu. Meta tkellem lill-imputat qallu li huwa veru li

ghamel dawk il-*queries* ghaliex bena program u pprova juzah fuq is-sit tal-GO izda s-sit ma felahx ghal dawk il-*queries* kollha f'daqqa. L-Ispettur Magro esebixxa Dok. EM2 li hija n-nota ta' rifjut tal-jedd ghall-parir legali.

Xehed l-espert inkarigat **Dr. Martin Bajada** li esebixxa rapport li gie mmarkat MB1. Mill-analizi tieghu l-espert qal li Dok. HM1 jikkonsisti minn attivita` li saret fl-20 ta' Ottubru 2016 minn IP address partikolari li huwa abbonat mal-Melita. Dakinhar minn dak l-IP address intbaghtu aktar minn elfejn *query* li jammontaw ghal sbatax-il *query* kull sekonda. Dak jikkonsisti f'*dos attack* li jattakka sistema u jkun negat is-servizz lil *users* ohra.

Xehed **PS1021 Christian Cauchi** li qal li Charmaine Galea bhala Fraud Officer giet taghmel rapport ghan-nom ta' GO plc fejn stqarret li kien hemm degredazzjoni fil-*web portal* tal-GO. Gie stabbilit li din id-degredazzjoni saret minn IP address tal-Melita bin-numru 213.165.168.4. Kompla jghid li din il-problema kkawzat lill-GO €1,900 f'xoghol kif ukoll €4,300 f'danni. Ix-xhud ikkonferma r-rapport esebit bhal Dok. EM3.

Xehed ukoll l-imputat **Tony Sammut** li qal li gie kkuntattjat mill-Pulizija lejn Awissu 2017 fejn *qalulu* li kellhom *complaint* mill-GO u li ma kellux bzonn avukat. Meta spjega ruhu qalulu biex jikteb din il-verzjoni fuq *email* u hekk ghamel. Rega' gie kkuntattjat ghal *statement* u spicca rrilaxxa stqarrija minghajr ma kellem lill-avukat tieghu peress li ma setax jaqbdu. Qal li nghata l-*caution* fit-tieni darba biss u fl-ewwel okkazjoni pjuttost staqsa jekk kellux bzonn avukat u qalulu li le. L-imputat qal li huwa fuq *IT programming*, jaghmel *websites* u *programmes, software developer*. Spjega li kien qed juza d-direttorju tal-GO ghaliex primarjament kien hemm klijent u staqsieh jekk hemmx mod biex igibu d-direttorju tal-GO *online* ghax kien juza d-direttorju tan-90s u d-data kienet antika. Spjega li biex jipprova jaqdih kien cempel lill-GO fejn qalulu li m'ghadhomx jippublikaw direttorji aktar aggornati u ghalhekk qalulu li wiehed irid bilfors juza l-*online directory*. Spjega li kkreja program zghir u dak iz-zmien ta' April 2016 nizzel il-*fixed lines*. Huwa kkonferma li dan is-sit huwa *public domain* u ghalhekk ma kellu bzonn l-ebda *password*. Huwa accessibbli minn kulhadd. L-imputat zied jghid hekk: "*Ikkonfermajt anke mal-GO meta cempiltilhom staqsejthom li speci din ha tiehu hafna hin u m'hemmx mod iehor u ccekkjajt it-terms and conditions tal-*

*website tal-GO tal-online directory biex nikkonferma li m'hemm xejn hazin u b'hekk procedejt.*" Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk kienx jaf li dak li kien qed jaghmel ser twaqqaf is-sistema qal li kien jippretendi ahjar mill-GO. Qal li biex inizzilhom kollha kellu bzonn hames mitt elf sekonda u allura ghamel program biex jaghmel dan il-process malajr sakemm jiflah il-GO. Zied jghid: "*Il-GO milli jidher tiflah ghaxra fis-sekonda, ma nafx ezatti c-cifri u daqshekk kont qed nitlob. Milli jidher kont qed inlahhaq il-limitu tal-GO.*"

L-imputat qal li meta nizzel id-direttorju tal-*fixed line numbers* f'April hadd ma kkuntattjah. Xi sitt xhur wara nizzel il-mobile numbers tal-GO wkoll u hadd ma kellmu. Xi hmistax-il gurnata wara nizzel tal-Vodafone u kien hemmhekk li gie kkuntattjat. Gie kkuntattjat mill-Melita fejn qalulu li kellhom *complaint* li qed jibghat hafna *requests* lill-GO. Qalulu biex ma jibqax jibghat bl-istess rata u ghalhekk naqqas l-i*speed*. Regghu cemplulu ftit sieghat wara fejn qal li kien dak il-hin li rrejalizza li qed ikiddilhom is-sistema u ghalhekk waqaf u ma regax missu minn dak iz-zmien. Qal li xi sitt xhur wara gie kkuntattjat mill-Pulizija. Mistoqsi mill-Pulizija jekk rega' pprova wara li gie kkuntattjat qal hekk: "*Mela*

*kont ghamiltha diga xi xhur qabel nizzilt hafna iktar u ma qaluli xejn, ghamiltha hmistax qabel, nizzilt hafna iktar u ma qaluli xejn. Din id-darba qaluli li kien hemm complaint mela jista jkun u naqqast. Ehe pero ergajt ippruvajt*."

L-imputat zied jghid li wara li gara dan il-kaz il-GO bblokkjawh biex huwa ma jkunx jista' jaccessa s-*site* taghhom fejn qal li jifimhom jekk hassew li mill-IP tieghu kien qed jigri xi haga hazina. Mistoqsi mill-Qorti fuq xoghlu qal li huwa bhala *software developer* jibni *websites* u *programmes*. Qal li huwa mpjegat u bhala *software developer* m'ghandux *warrant* jew kodici tal-etika. L-imputat ikkonkluda billi qal: *"Jiena nerga ntenni li l-intenzjoni tieghi kienet li qatt ma naghmel hsara u malli ndunajt li qed issir il-hsara qbadt u waqaft.*"

<u>Ikkunsidrat</u>:

Illi l-proceduri odjerni jittrattaw l-Artikolu 337C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li gie introdott fil-Kodici Kriminali tramite Att VII tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u emendat bl-Att VII tas-sena elfejn u hmistax (2015).

Dan l-Artikolu tal-Kodici Kriminali kien ibbazat fuq il-Ligi dwar l-Uzu hazin tal-Kompjuter misjuba fil-legizlazzjoni tar-Renju Unit tal-1990 fejn din il-ligi giet introdotta fir-Renju Unit biex timla' l-lakuni fil-ligi kriminali ezistenti dak iz-zmien rigward l-uzu hazin ta' sistemi tal-kompjuter. Fil-fatt fir-rapport sostantiv tal-Kummissjoni dwar l-uzu hazin tal-kompjuter gie dikjarat illi:

> *"An increasing degree of interest and disquiet has become apparent in recent years in relation to the implications of, and the possible misuse of, the computerization that plays an ever growing role in public, commercial and indeed private life. In this report we are concerned with one aspect of that public concern: the misuse of computers or computer systems by parties other than those entitled to use or control those computers, either by simply seeking access to the computers or amending the information held in them for what may be a wide range of ulterior motives. Such conduct can be generically described by the title of this report, 'Computer Misuse'.*

Fl-istess rapport gie konkluz li din il-ligi dwar l-Uzu hazin tal-Kompjuter kienet intiza biex timmira ghar-reati ta' *hacking* u mhux ghall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali izda pjuttost ghall-integrita` tas-sistemi tal-kompjuter.

**Matthew Richardson** fil-ktieb tieghu intitolat *Cyber Crime - Law and Practice*[1] jispjega liema huma l-elementi ta' dan ir-reat fir-Renju Unit fejn jghid:

> *"The actus reus of the offence under section 1 of the CMA 1990 is substantiated by causing a computer to perform 'any function' in order to secure access to it. In practice, therefore, the actus reus can be substantiated by relatively innocuous acts. . .*
>
> *Given the common sense meaning of section 1(1) of the CMA 1990 read alongside the interpretative provisions in section 17(2)(c) and (3), a simple act such as opening of a file on a computer can substantiate the offence, even if it is not apparent what (if any) data the file may contain.*

[1] Cyber Crime: Law and Practice – Matthew Richardson; 2014; pg 5

*The broad scope of the actus reus of the offence under section 1 of the CMA 1990 was illustrated in Ellis v. DPP (No. 1) [2001] EWHC 362 (Admin), in which the appellant appealed by way of case stated three convictions under section 1 for using non-open access computer facilities at a university. As a graduate of the university, the appellant had been authorized to use only the open access computer facilities at the university (such authorization did not extend to the restricted access facilities). The appellant was able to use the non-open access computers by using terminals which had been logged on to the accounts of bona fide authorized users. He admitted using those computers to browse the internet. Whilst the appellant did not make representations at appeal, it is noted in the judgment that the appellant in his police interview equated such use to picking up and reading someone's discarded newspaper. A skeleton argument submitted by the appellant earlier in the proceedings argued that the browsing did not constitute the 'use' of the computers for the purposes of the CMA 1990 as the appellant had browsed already activated sites, i.e. that he had merely*

*pressed the 'back' button on the internet browser. This argument did not find favour with the Administrative Division and the Appeal was dismissed".*

Illi ghalhekk il-*mens rea* mehtieg ghal dawn it-tipi ta' reati skont il-legizlazzjoni Ingliza huwa l-intenzjoni mill-awtur li jaccedi ghall-kompjuter meta ma jkunx awtorizzat. Ghalhekk l-att ghandu jsir bl-gharfien specifiku li l-access u l-uzu li jkun qed jaghmel minnu mhux korrett.

Illi fil-kaz in ezami l-imputat, li ammetta huwa stess li kien propju hu mill-*laptop* tieghu u mill-IP address indikat mill-prosekuzzjoni, li acceda ghas-sit tal-GO senjatament l-*online directory.*

Illi oltre dan, kien l-imputat stess li fuq il-pedana tax-xhieda qal li kien gie kkuntattjat mill-Melita fejn qalulu li rcevew ilment li qed jibghat hafna *requests* lill-GO. Skont l-imputat qalulu biex ma jibqax jibghat bl-istess rata u ghalhekk naqqas l-i*speed.* Zied jghid li regghu cemplulu ftit sieghat wara fejn qal li kien dak il-hin li rrejalizza li qed ikiddilhom is-sistema u ghalhekk waqaf u ma regax missu minn dak iz-zmien. F'xi hin qal ukoll li qabel ma beda

l-process cempel il-*customer care* tal-GO biex jara kif ser jevita tali sitwazzjoni li jfisser li kien jaf x'ser jigri! Mistoqsi wkoll mill-Pulizija jekk rega' pprova wara li gie kkuntattjat qal hekk: "*Mela kont ghamiltha diga xi xhur qabel nizzilt hafna iktar u ma qaluli xejn, ghamiltha hmistax qabel, nizzilt hafna iktar u ma qaluli xejn. Din id-darba qaluli li kien hemm complaint mela jista jkun u naqqast. Ehe pero ergajt ippruvajt.*" Jirrizulta ampjament car ghaldaqstant mix-xhieda tal-imputat innifsu li huwa kien jaf ben tajjeb x'inhu jaghmel u li dak li kien qed jaghmel kien qed jikkawza inkonvenjent lill-GO plc izda minflok waqaf qal li naqqas l-i*speed.* Dan ifisser *multo magis* li l-imputat kellu l-*mens rea* mehtieg ghal dawn it-tip ta' reati.

Illi kif ikkkonkluda wkoll l-espert inkarigat mill-Qorti, Dr. Martin Bajada, fil-kaz odjern jirrizulta li kien hemm attakk fuq is-sistema tal-GO bil-konsegwenza li l-istess sistema giet negata lil *users* ohra. Illi dettocio' u tenut kont illi l-imputat huwa espert f'dan il-qasam tant li jaf ben tajjeb is-sistema li kien qed juza huwa ghalhekk kien jaf illi bl-uzu li kien qed jaghmel bis-sistema tal-GO din ma kinitx ser treggi u ghalhekk kien hemm attakk fuq l-istess sistema. Illi din il-Qorti hija konvinta illi dan sar mill-imputat

deliberatament sabiex il-kumpannija Go tmur fuqu u titolbu kif dan ma jistax jerga' jigri hekk kif hareg mill-istqarrija tal-imputat stess fejn kien offrilhom sabiex jghinhom.

Illi fid-dawl ta' dan, il-Qorti ma tistax ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel reat kif dedotta kontrih.

Illi ghar-rigward tat-tieni akkuza pero` din il-Qorti tqis li gie stabbilit li s-sit inkwistjoni u cioe` dak tal-*online directory* tal-GO plc huwa sit pubbliku u stante li huwa accessibbli ghal kulhadd u ma jirrekjedix xi kodici ta' dhul jew *password* huwa *public domain.* La darba huwa *public domain* allura t-tieni akkuza ma treggixi u b'hekk l-imputat ma jistax jinsab hati ta' din l-akkuza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 337C(1)(a) u 337F(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Tony Sammut** hati biss tal-ewwel (1) akkuza kif dedotta kontrih u tikkundannah ghall-piena ta' hamest elef ewro multa (€5,000), filwaqt li tilliberah mit-tieni (2) akkuza dedotta kontrih fuq nuqqas ta' provi.

Inoltre' u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat qed jigi kkundannat ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal erbgha mija u tlettax-il ewro (€413).

____________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**